

Motivi invokati: Ir-rikorrenti tikkunsidra li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell żabalja fl-evalwazzjoni tiegħu dwar il-probabbiltà ta' konfużjoni kif ukoll fl-evalwazzjoni tiegħu tax-xebħi tat-trade mark ikkontestata.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2010 — RTI u Elettronica Industriale vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-506/10)

(2010/C 346/109)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Reti Televisive Italiane SpA (RTI) u Elettronica Industriale SpA (Lissonne, l-Italja) (rappreżentanti: J.-F. Bellis u S. Bariatti, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jitbolu l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4976 finali, tal-20 ta' Lulju 2010, li tbiddel l-applikazzjoni tal-impenji marbutin mad-Deċiżjoni C(2003) 1082 finali, tat-2 ta' April 2003, li tiddikjara kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehimim ŻEE l-konċentrazzjoni li permezz tagħha News Corporation Limited ("NewsCorp") akkwistat il-kontroll totali tal-kumpanniji Telepiù Spa u Stream Spa, bil-kundizzjoni li NewsCorp tissodisa l-impenji b'mod sħiħ (Każ Nru COMP/M.2876 — NewsCorp/Telexiū) (¹).

Ir-rikorrenti jsostnu tliet motivi insostenn tal-pretensjonijiet tagħhom.

Fl-ewwl lok, jargumentaw li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta ddeċidiet li, wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tat-2 ta' April 2003, (id-“Deċiżjoni ta' Approvazzjoni”), il-kundizzjonijiet fis-suq Taljan tat-televiżjoni bi ħlas (pay-TV) inbidlu b'tali mod li setgħu jiġi rriveduti l-impenji annessi mad-Deċiżjoni ta' Approvazzjoni u, b'rīzultat ta' dan, applikat ħażin l-Avviż dwar ir-rimedji u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdien (²). Ir-rikorrenti jsostnu li hemm provi ċari li juru li ċ-ċirkustanzi tas-suq li abbażi tagħhom ġew aċċettati l-impenji fl-2003 la nbidlu b'mod sinjifikattiv u lanqas fuq bażi permanenti. B'mod partikolari, Sky Italia, il-kumpannija sussidjarja ta' NewsCorp, għad għandha pożizzjoni assolutament dominanti fis-suq Taljan tal-pay-TV.

Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball ta' li ġi, żball manifest ta' evalwazzjoni u ksur tal-prinċipju ta'

proporzjonalità meta laqgħet it-talba ppreżentata minn Sky Italia biex jiġi rriveduti l-impenji u aċċettat l-impenji l-għoddha proposti minn NewsCorp, billi assumiet li l-impossibbiltà għal Sky Italia li tipparteċipa fil-proċedura ta' għażla għal kapaċità ta' televiżjoni digħi terrestri li kellha titwettaq fix-xhur li ġejjin fl-Italja kienet tipprekludi lil Sky Italia milli topera fis-settur ta' televiżjoni bla ħlas. Fil-fatt, Sky Italia digħi hija attiva fis-settur Taljan tat-televiżjoni bla ħlas u għandha aċċess għal kapaċità ta' trażmissjoni digħi terrestri anki jekk ma tiħux sehem fil-proċedura ta' għażla.

Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u żball ta' liġi meta adottat id-Deċiżjoni kkontestata u meta laqgħet it-talba għal reviżjoni tal-impenji ppreżentata minn Sky Italia minkejja l-fatt li, b'rīzultat tal-investigazzjoni tas-suq imwettqa matul il-proċedura amministrativa, il-maġġoranza tal-partijiet — inklużi l-Awtorită tal-Kompetizzjoni Taljana u l-Awtorită tal-Komunikazzjonijiet Taljana — esprimew tħassib serju dwar l-impatt tar-reviżjoni proposta fuq is-suq Taljan tal-pay-TV.

(¹) ĠU 2004 L 110, p. 73.

(²) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjoni bejn impriċċi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien), ĠU Edizzjoni Specjalji bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Ottubru 2010 — Seba Diş Ticaret ve Naklijat vs UASI — von Eicken (SEBA TRADITION ESTABLISHED 1932 FILTER)

(Kawża T-508/10)

(2010/C 346/110)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Seba Diş Ticaret ve Naklijat A.S. (İstanbul, it-Turkija) (rappreżentant: H. Wilde, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Johann Wilhelm von Eicken GmbH (Lübeck, il-Ġermanija)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-18 ta' Awwissu 2010, fil-Każ R 559/2009-4;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: trade mark figurattiva bil-kulur li tink-ludi l-elementi verbali "ESTABLISHED 1932 SEBA TRADITION" għal prodotti fil-klassi 34